



Brussell, 13 ta' Lulju 2020
(OR. en)

9401/20

ONU 32	SUSTDEV 89
CONUN 126	ENV 402
COHOM 53	CLIMA 140
CFSP/PESC 573	COHAFA 39
COPS 223	MIGR 67
CSDP/PSDC 344	CODUN 41
CONOP 51	SAN 234
COTER 66	CYBER 121
DEVGEN 95	

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn: Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill

lil: Delegazzjonijiet

Nru. dok. preċ.: 9314/20

Suġġett: Prijoritajiet tal-UE fin-Nazzjonijiet Uniti u l-75 Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti, Settembru 2020 - Settembru 2021
- Konklużjonijiet tal-Kunsill (13 ta' Lulju 2020)

Id-delegazzjonijiet isibu fl-anness il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-prijoritajiet tal-UE fin-Nazzjonijiet Uniti u fil-75 Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti (Settembru 2020 - Settembru 2021), kif adottati mill-Kunsill fit-3765 laqgħa tiegħu li saret fit-13 ta' Lulju 2020.

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar prijoritajiet tal-UE fin-Nazzjonijiet Uniti u l-75 Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti, Settembru 2020 – Settembru 2021¹

Il-promozzjoni tal-multilateraliżmu u ta' NU b'saħħha u effettiva li tipprovdi għal kulħadd

1. Id-dinja interkonnessa tal-lum u l-isfidi globali li qed niffaċċjaw juru li l-kooperazzjoni multilaterali hija aktar meħtieġa minn qatt qabel. It-tifqigħa tal-COVID-19 turi b'mod ċar li l-isfidi globali jeħtieġu azzjoni kollettiva. Il-COVID-19 hija test għall-umanità u l-valuri tagħna, iżda wkoll għas-sistema multilaterali nnifisha. L-ordni internazzjonali bbażat fuq ir-regoli – bin-NU fil-qalba tiegħu – għandu jitħares u jissaħħa jekk irridu nindirizzaw b'mod effettiv l-isfidi globali. Issa huwa ż-żmien għas-solidarjetà u l-kooperazzjoni internazzjonali.
2. F'dan l-isforz konġunt, l-UE u l-Istati Membri tagħha huma fuq quddiem tar-rispons globali li jassisti lil dawk li huma l-aktar fil-bżonn biex jiġu indirizzati l-konsegwenzi umanitarji, tas-saħħa, soċjali u ekonomiċi tal-kriżi. L-UE għandha l-għan li tmexxi bl-eżempju fit-turiya ta' solidarjetà billi tappoġġa lis-sħab tagħna madwar id-dinja. Biex nimmassimizzaw l-impatt kollettiv tagħna, neħtieġu approċċ multilaterali effettiv. Huwa għalhekk li ser inkomplunappoġġaw l-isforzi tas-Segretarju Ġenerali tan-NU biex jiġi kkoordinat rispons fil-livell tan-NU f'kooperazzjoni mill-qrib ma' atturi oħra. Il-miżuri li jittieħdu fil-livell nazzjonali huma wkoll ta' importanza. L-UE ser tibqa' sieħeb b'saħħtu u kredibbli għal dawk kollha li jixtiequ jippromwovu l-multilateraliżmu f'konformità mal-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar azzjoni tal-UE biex jissaħħa il-multilateraliżmu bbażat fuq ir-regoli.

¹ F'dan id-dokument kollu, l-użu ta' "UE" ma jippreġudikax il-kwistjoni dwar jekk il-kompetenza hijiex tal-"UE", tal-"UE u l-Istati Membri tagħha" jew esklużivament tal-"Istati Membri".

3. Il-kriżi attwali wriet kemm l-istituzzjonijiet multilaterali huma kruċjali għas-saħħa, il-prosperità u s-sigurtà globali. Irridu nitgħallmu l-lezzjonijiet b'mod kollettiv biex id-dinja ssir aktar reżiljenti fil-futur. B'appoġġ għas-sejħa tas-Segretarju Ġenerali tan-NU biex “nirkupraw aħjar”, jeħtieġ li naħdmu flimkien biex inwittu t-triq għal irkupru li jibni soċjetajiet sostenibbli, ugwali u inklużivi f'konformità mal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli u l-Ftehim ta' Pariġi dwar it-Tibdil fil-Klima. L-aħjar triq 'il quddiem hija li nibnu mill-ġdid b'mod aħjar u aktar ekoloġiku. Biex jinkiseb dan, iż-żieda tal-koerenza bejn il-pilastri tal-ħidma tan-NU kif ukoll progress fir-rabta bejn l-għajjnuna umanitarja u l-iżvilupp ser ikunu kruċjali. Dan huwa wkoll mument kruċjali biex tissaħħaħ l-attenzjoni fuq il-prijoritajiet komuni tagħna, mid-drittijiet tal-bniedem għall-prevenzjoni tal-konflitti, mill-iżvilupp tal-klima u l-iżvilupp sostenibbli għall-qasam diġitali. Il-preservazzjoni tal-ispazju umanitarju u l-iżgurar tar-rispett għad-dritt umanitarju internazzjonali u l-prinċipji umanitarji ser jibqgħu daqstant importanti.
4. Din is-sena niċċelebraw il-75 anniversarju tan-NU. Huwa l-mument li nġeddu u nsaħħu s-sistema multilaterali għall-“futur li nixtiequ, in-NU li neħtieġu”, abbażi ta' fiduċja, valuri kondiviżi u interessi komuni. Illum għandna bżonn NU li turi l-valur miżjud tagħha, tipprovdi għal kulħadd u tkun adattata għall-iskop tagħha. Huwa għalhekk li ser inkomplu nkunu minn ta' quddiem nett fost dawk li qed jippromwovu NU aktar effettiva, effiċjenti u ffinanzjata b'mod sostenibbli, b'appoġġ sħiħ għall-aġenda ta' riforma tas-Segretarju Ġenerali tan-NU. Kollettivament, l-UE u l-Istati Membri tagħha huma l-akbar kontributur uniku finanzjarju tan-NU. L-UE ser tkompli tuża s-setgħa ta' konvokazzjoni tagħha b'appoġġ tal-multilateraliżmu effettiv billi ggħib atturi globali flimkien favur soluzzjonijiet globali komuni. Ser inkomplu nippromwovu r-rivitalizzazzjoni tal-Assemblea Ġenerali u nappoġġaw l-isforzi biex jissaħħu s-sinerġiji u l-koerenza fl-aġendi tal-Assemblea Ġenerali u l-organi sussidjarji tagħha. Aħna ser nappoġġaw ir-riformi meħtieġa tal-korpi u l-organi tas-sistema tan-NU, inkluż ir-riforma komprensiva tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU, biex nagħmluhom aktar effettivi, trasparenti, demokratiċi, rappreżentattivi u responsabbli.

L-avvanzar tad-drittijiet tal-bniedem u l-ugwaljanza bejn il-ġeneri

5. Fi żmien ta' sfidi dejjem akbar għad-drittijiet tal-bniedem, id-demokrazija u l-istat tad-dritt, l-UE ser tkompli tkun mexxej globali biex tавvanza l-promozzjoni u l-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem kollha madwar id-dinja. Permezz tad-djalogu u l-kooperazzjoni, ser nippromwovu r-rispett għad-dinjità tal-bniedem, il-libertà, id-demokrazija, l-ugwaljanza u l-istat tad-dritt bħala prerekwiżiti għat-tiswir ta' soċjetajiet demokratiċi inklużivi u reżiljenti. Aħna ser nagħmlu l-isforzi kollha biex id-drittijiet tal-bniedem jitqiegħdu fiċ-ċentru tal-aġenda tan-NU, u ntenu l-universalità, l-indiviżibbiltà, l-interdipendenza u l-interrelazzjoni tad-drittijiet kollha tal-bniedem. Ser inkomplu nippromwovu narrattiva pożittiva dwar id-drittijiet tal-bniedem, inkluż permezz tal-inizjattiva Stejjer Pożittivi dwar id-Drittijiet tal-Bniedem. L-UE ser tiġġieled lura kontra l-erożjoni u l-istrumentalizzazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem. Aħna ser inkomplu niddenunzjaw il-ksur u l-abbużi tad-drittijiet tal-bniedem kull fejn iseħħu u ser nippromwovu aċċess bla restrizzjonijiet għal mekkaniżmi internazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem, insaħħu l-mekkaniżmi tar-responsabbiltà u tal-ġustizzja internazzjonali, u l-ġlieda kontra l-impunità. L-UE tibqa' sostenitur sod tal-Qorti Kriminali Internazzjonali.
6. Il-pandemija tal-COVID-19 tippreżenta theddida kbira għad-drittijiet tal-bniedem, u b'mod partikolari għandha impatt aggravat fuq it-tgawdija tad-drittijiet tal-bniedem minn persuni f'sitwazzjonijiet vulnerabbli. Huwa biss permezz tal-adozzjoni ta' approċċ ibbażat fuq id-drittijiet tal-bniedem li nistgħu niggarrantixxu rispons effettiv u niżguraw li ħadd ma jitħalla jibqa' lura. Fi żmien meta d-drittijiet tal-bniedem għadhom qed jinkisru u fejn l-ispazju għas-soċjetà ċivili huwa ristrett ħafna f'bosta partijiet tad-dinja, l-UE tappoġġa bil-qawwa s-Sejħa tas-Segretarju Ġenerali tan-NU għal Azzjoni għad-Drittijiet tal-Bniedem kif ukoll it-tmexxija tiegħu biex id-drittijiet tal-bniedem jitqiegħdu fil-qalba tar-rispons għall-COVID-19, u hija determinata li tikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tagħha. Jeħtieġ li nintensifikaw l-azzjoni biex niżguraw soċjetà ċivili sinifikanti u parteċipazzjoni taż-żgħażaġh fin-NU u lil hinn minnha, nużaw it-teknoloġiji diġitali biex nippromwovu u nipproteġu d-drittijiet tal-bniedem filwaqt li ntaffu r-riskji potenzjali, u nindirizzaw l-effetti negattivi tat-tibdil fil-klima fuq id-drittijiet tal-bniedem. Ir-rwol tal-atturi ċiviċi u d-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem huwa aktar importanti minn qatt qabel biex l-irkupru jkun aħjar u b'pass aktar mgħaġġel wara l-kriżi tal-COVID-19.

7. Għandna nirdupjaw l-isforzi tagħna lejn l-integrazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem. L-UE ser tuża l-għodod kollha disponibbli biex twettaq l-impenji tagħha lejn id-drittijiet tal-bniedem, inkluż fil-qafas tal-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU, l-Assemblea Ġenerali tan-NU, il-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU u kwalunkwe forum rilevanti ieħor, b'konsistenza mat-Trattat tal-UE u l-Karta tan-NU. L-UE ser tkompli tappoġġa Kunsill għad-Drittijiet tal-Bniedem b'saħħtu u effiċjenti, filwaqt li tipproteġi l-kisbiet tal-Kunsill u tirrikonoxxi r-rwol uniku u l-valur miżjud tiegħu fil-promozzjoni u l-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem madwar id-dinja. L-Uffiċċju tal-Kummissarju Għoli tan-NU għad-Drittijiet tal-Bniedem, Proċeduri Speċjali u Korpi tat-Trattati huma komponenti essenzjali tas-sistema tad-drittijiet tal-bniedem tan-NU. L-UE ser tkompli tappoġġa l-indipendenza tagħhom kif ukoll il-ħtieġa li l-ħidma tan-NU dwar id-drittijiet tal-bniedem ikollha riżorsi adegwati. Aħna ser inkomplu nimpennjaw ruġna b'mod attiv fir-Rieżami tas-sistema tal-Korp tat-Trattat bil-ħsieb li nsaħħu l-effiċjenza u l-effettività tiegħu kif ukoll nissalvagwardjaw l-indipendenza u l-integrità tal-Korpi tat-Trattati.

8. L-2020, il-25 anniversarju tad-Dikjarazzjoni ta' Beijing u l-Pjattaforma ta' Azzjoni, kienet maħsuba li tkun sena bla preċedent għall-ugwaljanza bejn il-ġeneri u għat-tiżiħ tal-pożizzjoni tan-nisa u l-bniet kollha. Minflok, il-firxa tal-pandemija tal-COVID-19 ikkawżat il-posponiment tas-sensjela ta' laqgħat ta' livell għoli biex jerġgħu jittqajmu l-impenji eżistenti għall-ugwaljanza bejn il-ġeneri u għat-tgawdija sħiħa tad-drittijiet tal-bniedem min-nisa u l-bniet. B'mod partikolari, issa jeħtieġ li nsaħħu l-azzjonijiet immirati u l-integrazzjoni sabiex tinkiseb l-ugwaljanza bejn il-ġeneri. L-UE tappoġġa b'mod sħiħ l-appell tas-Segretarju Ġenerali tan-NU għal “paċi fid-djar madwar id-dinja” flimkien ma' inizjattivi reattivi għal kwistjonijiet tal-ġeneru li jindirizzaw l-impatt tal-COVID-19 fuq in-nisa u l-bniet. L-inizjattiva Spotlight NU-UE li tiffoka fuq l-eliminazzjoni tal-forom kollha ta' vjolenza kontra n-nisa u l-bniet hija fiċ-ċentru ta' dawn l-isforzi. L-ugwaljanza bejn il-ġeneri, it-tiżiħ tal-pożizzjoni tan-nisa u tal-bniet kollha u t-tgawdija sħiħa tagħhom tad-drittijiet tal-bniedem kollha ser ikunu essenzjali biex jinbnew mill-ġdid soċjetajiet aktar ugwali, inklużivi u reżiljenti għal kulħadd. L-UE għadha impenjata lejn il-promozzjoni, il-protezzjoni u t-tgawdija tad-drittijiet kollha tal-bniedem u lejn l-implimentazzjoni sħiħa u effettiva tal-Pjattaforma ta' Azzjoni ta' Beijing u tal-Programm ta' Azzjoni tal-Konferenza Internazzjonali dwar il-Popolazzjoni u l-Iżvilupp (ICPD) u l-eżiti tal-konferenzi ta' rieżami tagħhom u għadha impenjata lejn is-saħħa sesswali u riproduttiva u d-drittijiet relatati (SRHR), f'dan il-kuntest. B'kont meħud ta' dan, l-UE tirriafferma l-impenn tagħha lejn il-promozzjoni, il-protezzjoni u r-rispett tad-dritt tal-individwi kollha li jkollhom kontroll sħiħ fuq kwistjonijiet relatati mas-sesswalità u s-saħħa sesswali u riproduttiva tagħhom, u li jiddeċiedu b'mod liberu u responsabbli dwarhom, filwaqt li jkunu ħielsa mid-diskriminazzjoni, il-koerċizzjoni u l-vjolenza. L-UE tenfasizza wkoll il-ħtieġa ta' aċċess universali għal informazzjoni u edukazzjoni ta' kwalità u affordabbli dwar is-saħħa sesswali u riproduttiva, inkluż l-edukazzjoni komprensiva dwar is-sesswalità, u s-servizzi għall-kura tas-saħħa.

Il-promozzjoni tal-paċi u s-sigurtà

9. F'dinja ta' tensjonijiet ġeopolitiċi li qed jiżdiedu, l-UE ser tkompli ssaħħa l-isforzi tagħha biex tippromwovi l-paċi u s-sigurtà u ssaħħa il-kapaċità tagħha li tagħxi flimkien ma' sħab oħrajn. It-tifqigħa tal-COVID-19 enfasizzat il-ħtieġa li tittejjeb ir-reżiljenza tal-istati u r-reġjuni madwar id-dinja u li jiġu indirizzati sitwazzjonijiet ta' fraġilità. Fl-istess ħin, fetħet opportunitajiet biex issolvi l-konflitti u tibni l-paċi. L-UE tappoġġa bil-qawwa l-appell mis-Segretarju Ġenerali tan-NU għal waqfien mill-ġlied globali u ttenni l-ħtieġa li jiġu avvanzati soluzzjonijiet politiċi għall-konflitti kumplessi u fit-tul tal-lum – mhux biss waqt il-pandemija iżda wkoll wara – kif ukoll li jiġi żgurat aċċess mingħajr xkiel għal għajnuna umanitarja bi prinċipji. Ser inkompli nappellaw lill-partijiet kollha għall-konflitti biex jikkonformaw b'mod sħiħ mad-Dritt Umanitarju Internazzjonali. L-UE ser tpoġġi l-piż diplomatiku sħiħ tagħha wara dawn l-isforzi, inkluż permezz tal-qafas ta' politika tal-UE għall-medjazzjoni. Id-djalogu bejn l-UE u n-NU dwar il-prevenzjoni tal-konflitti ser jibqa' strumentali f'dan ir-rigward.
10. Ir-Reviżjoni tal-Arkitettura tal-Konsolidazzjoni tal-Paċi tal-2020 hija kruċjali biex jinkisbu dawn l-għanijiet u biex jissaħħa aktar il-pilastru ta' paċi u ta' sigurtà tan-NU billi tittejjeb il-konsolidazzjoni tal-paċi koerenti u jiġu sostnuti l-isforzi għall-paċi fil-qasam. L-UE ser tibqa' tappoġġa dan il-proċess b'attenzjoni partikolari fuq l-iżgurar ta' finanzjament adegwat, prevedibbli u sostenibbli u t-tisħiħ ta' sħubiji għal dak il-għan, b'appoġġ għall-Kummissjoni għall-Konsolidazzjoni tal-Paċi tan-NU fit-twettiq tar-rwol konsultattiv tagħha lill-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU u t-tisħiħ tar-rabtiet strateġiċi bejn dawn iż-żewġ strutturi. Ser ikunu meħtieġa sforzi kontinwi biex tissaħħa il-kooperazzjoni fuq il-post permezz ta' analiżi u ppjanar konġunti, biex it-twissija bikrija tkun marbuta aktar mill-qrib mal-azzjoni bikrija kif ukoll biex tiġi promossa l-ġustizzja tranżizzjonali u r-rikonċiljazzjoni. L-UE tilqa' l-enfasi akbar fuq l-implikazzjonijiet tas-sigurtà tat-tibdil fil-klima fis-sistema tan-NU, li ser tgħin biex ir-riskji relatati mas-sigurtà jiġu vvalutati u indirizzati aħjar. Fid-dawl tal-15-il anniversarju mill-adozzjoni tal-kunċett ta' Responsabbiltà ta' Protezzjoni, l-UE ser tkompli tiffaċilita d-djalogu u l-involviment mal-R2P fil-fora rilevanti tan-NU.

11. L-operazzjonijiet ta' Paċi tan-NU jibqgħu wħud mill-għodod l-aktar importanti għall-avvanz tal-paċi u s-sigurtà madwar id-dinja. L-UE u l-Istati Membri tagħha ssieħbu fl-inizjattiva tal-Azzjoni dwar iż-Żamma ta' Paċi (A4P) tas-Segretarju Ġenerali tan-NU u gēddew l-impenn politiku tagħhom għall-appoġġ tal-operazzjonijiet ta' żamma tal-paċi bil-ħsieb li jagħmluhom adattati għall-iskop tagħhom billi jappoġġaw, pereżempju, approċċi ġodda biex tittejjeb il-ġenerazzjoni tal-forza, il-kapaċità ta' servizzjar tat-tagħmir u s-sostenibbiltà. It-titjib tal-impatt konkret u li jista' jitkejjel fuq il-post huwa l-ogħla prijorità tagħna. L-UE tibqa' impenjata bis-siħ biex issaħħaħ is-sħubija strateġika bejn l-UE u n-NU dwar l-operazzjonijiet ta' paċi u l-ġestjoni tal-kriżijiet u biex issaħħaħ il-kooperazzjoni operazzjonali man-NU fil-qasam u f'dak ir-rigward tistenna b'interess l-iffirmar tal-Qafas tan-NU u l-UE għall-Provvista ta' Appoġġ Reċiproku fil-kuntest tal-missjonijiet u l-operazzjonijiet rispettivi tagħhom. Iż-żieda fil-koordinazzjoni ma' organizzazzjonijiet reġjonali u internazzjonali oħra kif ukoll ma' Istituzzjonijiet Finanzjarji Internazzjonali ser tibqa' daqstant importanti. L-Unjoni Afrikana hija s-sieħba ewlenija tagħna, u ser ikompli l-isforzi biex jiġu appoġġati inizjattivi ta' paċi u sigurtà mmexxija mill-Afrika kif ukoll biex tiġi approfondita l-kooperazzjoni trilaterali UA-UE-NU. Is-sħubija trilaterali bejn in-NU, l-UE u l-Bank Dinji tinsab fil-qalba tal-progress sostenibbli fil-paċi u s-sigurtà. Sabiex tiġi żgurata l-parteeipazzjoni siħha u sinifikanti tan-nisa fil-proċessi politiċi u ta' paċi, l-UE ser tkompli tavvanza l-implimentazzjoni tal-aġenda dwar in-Nisa, il-Paċi u s-Sigurtà. Din is-sena tfakkar l-20 anniversarju tal-UNSCR 1325 dwar in-Nisa, il-Paċi u s-Sigurtà, li għandha tkun impenn imġedded u msaħħaħ għall-aġenda. Ser inkompli nippromwovu l-inklużjoni taż-żgħaḡha fil-bini tal-paċi u s-sostenn tal-paċi bħala parti mill-appoġġ kontinwu tagħna għall-aġenda taż-Żgħaḡha, il-Paċi u s-Sigurtà. Il-protezzjoni tal-persuni ċivili, b'mod partikolari n-nisa u t-tfal, il-persuni b'diżabilità, u l-ħaddiema umanitarji u mediċi fl-ambjent ta' konflitt u ta' wara l-konflitt għadha importanti.

12. Il-prevenzjoni tar-radikalizzazzjoni li twassal għall-estremiżmu vjolenti u għat-terroriżmu tkompli tkun ta' prijorità għolja għall-UE. L-UE hija impenjata li ssaħħa l-isforzi tan-NU biex tiġi indirizzata t-theddida globali tat-terroriżmu f'konformità sħiħa mad-dritt internazzjonali, inkluż id-dritt internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem, id-dritt umanitarju internazzjonali u d-dritt internazzjonali dwar ir-refuġjati, f'konformità mal-Istrateġija Globali tan-NU Kontra t-Terroriżmu. Fl-era ta' wara l-COVID, approċċ u prevenzjoni bbażati fuq id-drittijiet tal-bniedem huma kruċjali biex tiġi evitata żieda fir-radikalizzazzjoni li twassal għall-estremiżmu vjolenti u t-terroriżmu. Hemm bżonn ta' aktar sforzi, inkluż permezz ta' eżenzjonijiet umanitarji, biex jiġi żgurat li s-sanzjonijiet u l-miżuri kontra t-terroriżmu ma jfixklux it-twassil ta' għajjnuna umanitarja bbażata fuq il-prinċipji.
13. Fi żmien ta' żieda fil-kriminalità internazzjonali, l-erbatax-il Kungress tan-NU dwar il-Prevenzjoni tal-Kriminalità u l-Ġustizzja Kriminali ser jikkontribwixxi għat-tisħiħ tal-kooperazzjoni internazzjonali, il-prevenzjoni tal-kriminalità u l-ġustizzja kriminali, skont l-istat tad-dritt u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem. L-UE ttenni l-importanza tas-sessjoni speċjali tal-Assemblea Ġenerali kontra l-korruzzjoni fl-2021 għall-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-korruzzjoni, u ser tkompli tippromwovi l-implimentazzjoni sħiħa u effettiva tal-Konvenzjoni tan-NU kontra l-Korruzzjoni.
14. L-UE ser tkompli tindirizza l-iżvilupp ta' Teknoloġiji tal-Infurmazzjoni u tal-Komunikazzjoni (TIK) fil-kuntest tas-sigurtà internazzjonali, inkluż permezz tal-parteċipazzjoni fil-proċessi rilevanti tan-NU. Aħna ser inkomplu naħdmu mas-sħab biex nipprevjenu l-konflitti u navvanzaw l-istabbiltà fiċ-ċiberspazju permezz tal-qafas normattiv għal imġiba responsabbli tal-Istat, l-implimentazzjoni ta' miżuri għat-tisħiħ tal-fiduċja u l-appoġġ għall-bini tal-kapaċità ċibernetika. L-UE ser tippromwovi l-applikazzjoni sħiħa tad-dritt internazzjonali eżistenti, inkluż id-dritt internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem u d-dritt umanitarju internazzjonali, fiċ-ċiberspazju. L-UE tissottolinja l-appoġġ kontinwu tagħha għall-Konvenzjoni ta' Budapest dwar iċ-Ċiberkriminalità bħala qafas legali multilaterali komprensiv għall-iżvilupp ta' leġislazzjoni nazzjonali u kooperazzjoni internazzjonali biex tiġi indirizzata iċ-ċiberkriminalità.

15. Fi żmien meta l-arkitettura internazzjonali tad-diżarm, in-nonproliferazzjoni u l-kontroll tal-armi tinsab taħt pressjoni qawwija u qiegħda dejjem taffaċċa aktar diffikultajiet minħabba tensjonijiet ġeopolitiċi, l-UE ser issaħħaħ l-isforzi biex tippreservaha u ssaħħaħha u biex tippromwovi l-implimentazzjoni sħiħa tal-istrumenti internazzjonali ta' diżarm u ta' kontroll tal-armi filwaqt li tiżgura li dawn jibqgħu adattati għall-iskop tagħhom fid-dawl ta' żviluppi teknoloġiċi ġodda. L-UE ser tkompli taħdem għal eżitu b'suċċess tal-Għaxar Konferenza ta' Reviżjoni tat-Trattat dwar in-Nonproliferazzjoni tal-Armi Nukleari (TNP), sabiex it-TNP jitħares u jissaħħaħ bħala strument multilaterali ewlieni għall-paċi, is-sigurtà u l-istabbiltà internazzjonali, u biex jiġu promossi l-universalizzazzjoni u l-implimentazzjoni mtejbja tiegħu. L-appoġġ għall-ħidma tal-Organizzazzjoni għall-Projbizzjoni ta' Armi Kimiċi (OPCW) ser ikompli jiżgura li n-norma globali kontra l-użu ta' armi kimiċi titħares u daww responsabbli għall-użu tagħhom jinżammu responsabbli. L-imġiba responsabbli fl-ispazju extra-atmosferiku u l-prevenzjoni ta' tellieqa tal-armi fl-ispazju extra-atmosferiku ser jibqgħu punt speċifiku ta' attenzjoni, kif ser jibqa' l-appoġġ għal sforzi biex jiġi żgurat li l-Konferenza dwar id-Diżarm twettaq il-mandat tagħha bħala l-forum waħdieni ta' negozjati multilaterali dwar kwistjonijiet ta' diżarm.
16. Ser jibdew it-tħejjijiet għall-konferenzi ta' reviżjoni tal-Konvenzjoni dwar l-Armi Bijoloġiċi u Tossiniċi (BTWC) li ser isiru fl-2021, u tal-Konvenzjoni dwar Ċerti Armi Konvenzjonali (CCW). Id-dħul fis-seħħ u l-universalizzazzjoni tat-Trattat dwar il-Projbizzjoni Totali ta' Provi Nukleari (CTBT), kif ukoll l-adeżjoni universali mat-Trattat dwar il-Kummerċ tal-Armi (TKA), il-Konvenzjoni fuq il-Projbizzjoni ta' Mini Kontra l-Persunal (APMBC) u l-Kodiċi ta' Kondotta ta' The Hague kontra l-Proliferazzjoni tal-Missili Ballistiċi (HCoC) u l-implimentazzjoni effettiva tagħhom għadhom prijoritajiet ewlenin. Ser inkomplu nappoġġaw l-Aġenda tas-Segretarju Ġenerali tan-NU għad-Diżarm, inkluż il-bidu minnufih ta' negozjati dwar Trattat għall-Waqfien tal-Produzzjoni ta' Materjal Fissili (FMCT).

Nibnu globalizzazzjoni ġusta

17. Huwa kruċjali li titħaffef l-implimentazzjoni tal-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli u l-SDGs tagħha permezz tal-approċċ għall-iżvilupp ibbażat fuq id-drittijiet biex tinkiseb bidla trasformattiva sal-2030 li ma tħalli lil ħadd jibqa' lura. L-SDGs jirfdu l-valuri u l-ġejjieni tagħna. Jiggrawidaw l-azzjoni tal-UE fis-setturi kollha fl-UE u barra minnha. Il-kriżi attwali tal-COVID-19 hija tfakkira li l-implimentazzjoni sħiħa tal-Aġenda 2030 u tal-Ftehim ta' Pariġi hija essenzjali sabiex id-dinja tkun mgħammra aħjar għal xokkijiet sistemiċi futuri. Filwaqt li nibnu fuq id-Dikjarazzjoni Politika tas-Summit tal-2019 dwar l-SDGs, jeħtieġ li nibqgħu ambizzjużi u nużaw id-Deċennju ta' Azzjoni għal Żvilupp Sostenibbli biex nagħtu haġja mill-ġdid lill-momentum għall-azzjoni. Aħna nappoġġaw l-appell tas-Segretarju Ġenerali tan-NU biex tinbena globalizzazzjoni ġusta u ninsabu lesti li nwettqu l-parti tagħna billi naħdmu mal-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha.
18. Jeħtieġ li nżidu l-isforzi globali biex tinkiseb kopertura tas-saħħa universali u jingħata aċċess għal sistemi u servizzi tas-saħħa ta' kwalità, bi prezz li jintlaħaq, inklużivi u reżiljenti kif ukoll għal ilma tax-xorb sikur u sanità adegwata. Għandna nkomplu nippromwovu s-saħħa globali bħala ġid pubbliku għal kulħadd b'appoġġ sħiħ tal-isforzi tad-WHO bħala l-korp ewlieni tan-NU għas-saħħa globali. Permezz tal-inizjattiva ta' wegħdiet sponsorjata mill-UE għal Rispons Globali għall-Coronavirus, ser inkomplu nappoġġaw l-isforzi globali biex titħaffef ir-riċerka dwar it-trattamenti, id-dijanjożtika u t-tilqim, filwaqt li jiġi żgurat li dawn ikunu ġid pubbliku globali li jkun aċċessibbli b'mod ekwu għal kulħadd. Għandna wkoll neżaminaw l-esperjenza u t-tagħlimiet meħuda mir-rispons tas-saħħa internazzjonali kkoordinat mid-WHO għall-COVID-19 u nagħmlu rakkomandazzjonijiet biex jittejbu l-prevenzjoni, it-tnejn u r-rispons għal pandemiji globali. L-adozzjoni b'konsensus tar-riżoluzzjoni tal-Assemblea Dinjija tas-Saħħa mibdija mill-UE u l-Istati Membri tagħha tenfasizza l-importanza ta' rispons kollettiv għall-pandemija tal-coronavirus.

19. Għandna nużaw il-fażi ta' rkupru biex nindirizzaw il-konsegwenzi soċjoekonomiċi tal-pandemija u ntaffu l-impatt tagħha fuq il-benesseri tal-bniedem sabiex ħadd ma jitħalla jibqa' lura. Jeħtieġ li nagħmlu sforzi kollettivi akbar biex neqirdu l-faqar, il-ġuħ, nindirizzaw l-inugwaljanzi li qed jiżdiedu, niksbu l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u nippromwovu t-tkabbir ekonomiku sostenibbli u inklużiv. Iż-żieda fl-insigurtà tal-ikel u l-malnutrizzjoni fost daww aktar vulnerabbli kkawżata mill-impatti tal-COVID-19 fuq l-għajxien, is-sistemi tal-ikel u l-ktajjen ta' provvista teħtieġ sforzi biex jiġi żgurat l-aċċess għall-provvisti tal-ikel u daww agrikoli. L-irkupru għandu jimxi id f'id mal-ġustizzja soċjali u x-xogħol deċenti kif ukoll mal-investiment fis-sistemi tal-protezzjoni soċjali. Għandna bżonn irkupru li jorbot l-investimenti u l-ħelsien mid-dejn mal-SDGs. Rispons sostenibbli għall-kriżi tal-COVID-19 jitlob ukoll il-funzjonament effettiv ta' sistema kummerċjali globali bbażata fuq ir-regoli.
20. Aħna ser inkomplu naħdmu mas-sħab biex nindirizzaw b'mod konġunt il-migrazzjoni u l-ispostament furzat, inkluż permezz tas-segwitu għall-ewwel Forum Globali dwar ir-Refuġjati, il-Panel ta' Livell Għoli dwar l-Ispostament Intern u fora oħrajn rilevanti tan-NU. Aħna impenjati li nużaw ix-xjenza, it-teknoloġija u l-innovazzjoni biex nagħmlu progress fl-SDGs.
21. Bħala l-fornitur ewlieni fid-dinja ta' Għajnuna Uffiċjali għall-Iżvilupp, l-UE u l-Istati Membri tagħha jikkondividu impenn qawwi biex jappoġġaw lil pajjiżi sħab, speċjalment il-pajjiżi l-aktar fil-bżonn, fl-implimentazzjoni tal-Aġenda 2030, inkluż l-Aġenda ta' Azzjoni ta' Addis Ababa dwar il-Finanzjament għall-Iżvilupp. L-UE ser taħdem aktar mill-qrib man-NU fuq l-analiżi konġunta u d-diviżjoni effiċjenti konġunta tax-xogħol b'rabta mal-programmazzjoni tal-UE fil-livell tal-pajjiżi fil-fażi ta' programmazzjoni tal-kooperazzjoni għal wara l-2020. Preżenza tan-NU fuq il-post li tkun aktar integrata, koerenti, effiċjenti u orjentata lejn ir-risultati, immexxija mill-Koordinaturi Residenti tan-NU li ngħataw is-setgħa u f'konformità mal-Oqfsa ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp Sostenibbli tan-NU, ser taqdi rwol importanti biex jiġi żgurat li l-pajjiżi jirkupraw aħjar mill-kriżi attwali. F'dan l-isforz, jeħtieġ li nkomplu nrawmu l-Oqfsa ta' Finanzjament Nazzjonali Integrati, nippromwovu finanzjament sostenibbli u nżidu s-soluzzjonijiet innovattivi sabiex jiġu mmobilizzati biżżejjed fondi biex isir avvanz fl-implimentazzjoni tal-SDGs. Aħna ser naħdmu biex insaħħu l-viżibbiltà, it-trasparenza u l-effettività tal-kooperazzjoni internazzjonali għall-iżvilupp.

Aċċellerazzjoni tat-tranżizzjoni globali lejn ġejjieni sostenibbli u b'impatt newtrali fuq il-klima

22. Il-kriżi tal-COVID-19 tefgħet aktar dawl fuq l-inadegwatezza tar-rispons globali għall-emerġenzi tal-klima u tal-bijodiversità. Hija rinfurzat l-evidenza xjentifika li l-livell ta' ambizzjoni globali mhuwiex biżżejjed u li jeħtieġ li naġixxu b'mod deċiżiv issa. L-isforzi ta' rkupru jridu jkunu konsistenti mal-aġenda ta' tranżizzjoni għal emissjonijiet baxxi u ma għandhomx jaggravaw l-emerġenzi eżistenti interrelatati tal-klima u l-ambjent. Realtà ġdida wara l-COVID-19 għandha tfisser ukoll ekonomija aktar moderna, ċirkolari u b'impatt newtrali fuq il-klima li ser tagħmilna inqas dipendenti fuq ir-riżorsi u tqawwi r-reżiljenza tagħna. L-investiment f'innovazzjoni sostenibbli u ekoloġika fuq skala kbira, l-enerġija rinnovabbli, l-effiċjenza fl-enerġija, l-enerġija nadifa u t-trasport ser ikun saħansitra aktar importanti minn qabel. Il-ħames Assemblea tan-NU għall-Ambjent tipprovdi opportunità importanti biex titwitta t-triq u tingħata spinta lill-ambizzjoni biex jitrawmu aġenda ta' rkupru ekoloġiku u s-sostenibbiltà ambjentali. It-tifkira tal-ewwel konferenza tan-NU dwar l-ambjent tal-bniedem fl-2022 ser tagħti kontribut għall-momentum pożittiv.

23. L-UE bħala mexxej globali ser tkompli tiġġieled kontra t-tibdil fil-klima u t-telf tal-bijodiversità permezz ta' politiki ambizzjużi fi ħdanha u madwar id-dinja. Il-Patt Ekoloġiku Ewropew, kif propost mill-Kummissjoni Ewropea, huwa l-pjan direzzjonali tagħna għal ġejjieni sostenibbli, b'impatt newtrali fuq il-klima u effiċjenti fl-użu tar-riżorsi bl-għan ambizzjuż li tinkiseb in-newtralità klimatika sal-2050. Ser nibnu fuq il-momentum maħluq mis-Summit tan-NU dwar l-Azzjoni Klimatika u ser inkomplu nappoġġaw lis-Segretarju Ġenerali tan-NU fl-isforzi tiegħu biex iżid l-azzjoni globali għall-klima. L-implimentazzjoni rapida u sħiħa tal-Ftehim ta' Pariġi, f'konformità mal-aktar metodi xjentifiċi reċenti, b'mod partikolari r-rapporti tal-IPCC, hija kruċjali biex tiġi indirizzata din l-isfida eżistenzjali. L-UE ser iżżid l-isforzi ta' diplomazija dwar il-klima, bħala parti mid-diplomazija dwar il-Patt Ekoloġiku, biex tibni appoġġ għal ambizzjoni globali msaħħa għal tranżizzjoni ġusta globali lejn ekonomija ekoloġika, anke bi tħejjija għall-Konferenza tan-NU li jmiss dwar it-Tibdil fil-Klima COP 26. L-UE ser tkompli timpenja ruħha b'mod aktar intensiv mas-sħab kollha biex tgħinhom jirrevedu u jimplimentaw il-Kontributi Stabbiliti fil-Livell Nazzjonali (NDCs) tagħhom u jfasslu strateġiji ambizzjużi ta' żvilupp b'livell baxx ta' emissjonijiet fit-tul filwaqt li jimmobilizzaw finanzjament għall-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima. Ser inkomplu nappoġġaw l-implimentazzjoni tal-Qafas ta' Sendai għat-Tnaqqis tar-Riskju ta' Diżastri biex jitnaqqsu r-riskji u l-esponiment għal perikli relatati mal-klima u b'hekk tissaħħaħ ir-reżiljenza. Ser naċċelleraw iċ-ċaqliq tal-flussi finanzjarji lejn investimenti sostenibbli u allinjati mal-kwistjoni tat-tibdil fil-klima, nippromwovu l-produzzjoni u l-użu globali sostenibbli u responsabbli ta' materja prima, u naħdmu għall-ħolqien ta' Alleanza Globali għall-Ekonomija Ċirkolari.

24. Is-Summit tan-NU dwar il-Bijodiversità jrid jagħti l-momentum politiku meħtieġ u jwitti t-triq għal Qafas Globali tal-Bijodiversità għal wara l-2020 ambizzjuż li ser jiġi adottat fil-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Diversità Bijoloġika COP 15 fl-2021. L-UE ser taħdem mas-sħab biex dan jissarraf f'punt ta' bidla biex tingħbed l-attenzjoni tad-dinja għall-iskala tat-telf tal-bijodiversità u l-impatti tiegħu fuq is-sigurtà tal-ikel, is-saħħa u l-ekonomija u l-interdipendenza tiegħu mat-tibdil fil-klima. Fid-dawl tal-kriżi tal-COVID-19, jeħtieġ li niġu ggwidati mill-prinċipju ta' "saħħa waħda" biex niżguraw kemm is-saħħa tal-bniedem kif ukoll dik tal-ekosistema. Id-deforestazzjoni, l-agrikoltura industrijali, il-kummerċ illegali tal-organiżmi selvaġġi, it-tniġġis, it-tibdil fil-klima, l-iskarsezza tal-ilma, sanità u ġestjoni tal-iskart ineffiċjenti u tipi oħra ta' degradazzjoni ambjentali jżidu r-riskju ta' pandemiji futuri u jeħtieġ li jiġu indirizzati. L-UE ser timmira għal Laqgħa ta' Livell Għoli ambizzjuża tan-NU dwar l-Ilma fl-2021 bil-ħsieb li jiġi aċċellerat il-progress fil-ġestjoni sostenibbli tal-ilma. Il-pandemija tal-COVID-19 thedded ukoll li ddgħajjef il-progress u tesponi n-nuqqasijiet fis-sistemi tal-ikel tagħna, u żżid l-insigurtà tal-ikel u l-malnutrizzjoni. L-UE ser tappoġġa tħejjijiet inklużivi għal riżultati effettivi fis-Summit tas-Segretarju Ġenerali tan-NU dwar is-Sistemi tal-Ikel sabiex iżżid l-azzjoni biex tkompli t-trasformazzjoni tas-sistemi tal-ikel attwali biex tagħmilhom aktar tajbin għas-saħħa, aktar reżiljenti u ambjentalment sostenibbli.
25. Ser inkomplu naħdmu biex insaħħu l-governanza internazzjonali tal-oċeani u niżguraw oċeani u ibħra sikuri, siguri u f'saħħithom, fil-Konferenza tan-NU li jmiss dwar l-Oċeani u fora oħrajn rilevanti. Ser inżidu l-isforzi biex nikkonkludu l-elaborazzjoni ta' Trattat taħt il-Konvenzjoni tan-NU dwar il-Liġi tal-Baħar dwar il-konservazzjoni u l-użu sostenibbli ta' diversità bijoloġika tal-baħar lil hinn mill-ġurisdizzjoni nazzjonali (BBNJ). L-UE, bħala mexxej globali fil-governanza tad-data ambjentali, ser taqdi rwol attiv fl-iżvilupp tal-istrateġija globali għad-data ambjentali sal-2025.

Tmexxija tat-tranżizzjoni għal dinja diġitali ġdida

26. It-teknoloġiji diġitali qed jittrasformaw id-dinja tagħna b'mod kostanti billi jagħtuna vantaġġi enormi, iżda joħolqu wkoll riskji u spejjeż. L-UE ser tappoġġa l-isforzi tan-NU biex tidderieġi t-teknoloġiji ġodda lejn bidla pożittiva, u dan hu allinjat mal-prijorità tal-UE li l-Ewropa ssir lesta għall-era diġitali. Aħna ser immexxu t-tranżizzjoni għal dinja diġitali ġdida fejn kulħadd ikollu opportunità ġusta biex jaħsad il-benefiċċji tad-diġitalizzazzjoni, f'konformità mal-SDGs u skont id-dritt internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem. Filwaqt li nagħmlu dan, irridu ntaffu r-riskji potenzjali billi niżguraw approċċ għat-trasformazzjoni diġitali li jkun imsejjes fuq id-drittijiet tal-bniedem u li jqiegħed lill-bniedem fiċ-ċentru.
27. L-UE ser tindirizza l-isfidi u l-opportunitajiet aktar ġenerali tat-trasformazzjoni diġitali permezz tal-inizjattivi biex testendi l-konnettività diġitali globali, tnaqqas id-disparitajiet diġitali, ittejjeb il-ħiliet diġitali, tikkontribwixxi għall-kapaċità diġitali globali, tippermetti l-intraprenditorija diġitali, u tappoġġa standards li jittrasponu l-valuri tal-UE. L-UE ser taqsam l-esperjenza regolatorja tagħha biex issir mexxej u sieħeb diġitali affidabbli fis-sistema multilaterali. Ser inkomplu nibnu sħubijiet strateġiċi biex insawru l-aġenda diġitali globali u, permezz ta' approċċ li jinvolve diversi partijiet ikkonċernati, ser nagħtu kontribut għall-eżiti tar-rakkomandazzjonijiet mogħtija mill-Grupp ta' Livell Għoli dwar il-Kooperazzjoni Diġitali tas-Segretarju Ġenerali tan-NU, li jibnu fuq il-kontribut tal-Grupp dwar it-Teknoloġija Globali tal-UE. It-tnedija tal-Pjan Direzzjonali tas-SĠNU għall-Kooperazzjoni Diġitali hija pass importanti fit-triq lejn l-użu sħiħ tal-potenzjal tat-teknoloġiji diġitali. L-UE ser issegwi mill-qrib l-implimentazzjoni tal-pjan direzzjonali.
28. Ser inkomplu nippromwovu approċċ etiku u bil-bniedem fiċ-ċentru tiegħu, li jiżgura l-promozzjoni u l-ħarsien tad-drittijiet tal-bniedem, għall-iżvilupp u l-użu tal-Intelliġenza Artifiċjali kif ukoll biex nibnu konverġenza ma' oqfsa moderni ta' protezzjoni tad-data personali. L-UE ser taħdem mal-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha biex tiżgura internet miftuħ, liberu, sigur u stabbli, tħares il-privatezza, tiġġieled kontra d-diskors ta' mibegħda u l-kontenut terroristiku online, ittejjeb is-sigurtà u s-sikurezza online kif ukoll tikkontribwixxi biex jiġu indirizzati d-diżinformazzjoni u t-theddid ibridu, f'konformità sħiħa mad-dritt internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem.

29. F'dawn iż-żminijiet diffiċli, is-sħubija strateġika bejn l-Unjoni Ewropea u n-Nazzjonijiet Uniti hija aktar importanti u aktar b'saħħitha minn qatt qabel. Hekk kif qed niċċelebraw il-75 anniversarju tan-NU din is-sena, l-UE ser tkompli tappoġġa lin-NU bħala forum indispensabbli għal soluzzjonijiet multilaterali għall-isfidi globali. Id-dinja ta' wara l-COVID ser teħtieġ aktar solidarjetà u kooperazzjoni. Filwaqt li tibni fuq is-sinerġiji bejn l-aġenda tal-UE u dik tan-NU, l-UE ser tibqa' forza ewlenija li ssostni l-multilateraliżmu u ser tkompli turi tmexxija globali, bil-għan ta' dinja aktar sikura u aħjar għal kulħadd.
-